**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 266/2008**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Pierre Grech)**

**vs**

**Christian Urpani**
**(ID 143265(M))**

**Illum: 31 ta' Jannar, 2022**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Christian Urpani**, iben Nicholas u Nathalie nee` Tabone, imwieled Sliema nhar it-8 ta' Frar 1965, residenti Blk 1, Flat 14, Triq Ċensu Xerri, Sliema, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 143265(M);

Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer, fil-15 ta' Settembru 2007, u matul l-aħħar sentejn qabel din id-data:

a) Ikkoltiva l-pjanta *cannabis*, u dan bi ksur tal-Artikolu 8(ċ) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

b) Kif ukoll talli kellu fil-pussess tiegħu l-pjanta *cannabis* kollha jew biċċa minnha, bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta` Malta;

c) Kif ukoll talli kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

d) Kellu fil-pussess tiegħu mediċina psikotropika u ristretta (*ecstasy*) mingħajr awtorizzazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini, Avviż Legali 22 tal-1985, kif emendati.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex fil-każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semgħet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti eżebiti, inkluż l-Ordni ta' l-Avukat Ġenerali bis-saħħa tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta), kif ukoll l-Ordni tal-Avukat Ġenerali bis-saħħa tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhon x'jaqsmu magħha (Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta), sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Rat illi ċ-ċitazzjoni odjerna ġiet intavolata mill-Prosekuzzjoni fir-Reġistru ta' din il-Qorti fl-14 ta' Ottubru 2008;

Rat illi l-kawża ġiet appuntata għas-smigħ għall-ewwel darba għal nhar is-26 ta' Marzu 2010;

Rat illi l-kawża bdiet tinstema' fis-seduta tat-28 ta' Frar 2011;

Rat ukoll illi din il-kawża ġiet assenjata lill-Maġistrat sedenti permezz tal-assenjazzjoni tad-doveri tal-1 ta' Frar 2013;

Rat in oltre illi fis-seduta tal-11 ta' Lulju 2013, id-difiża ddikjarat illi ma kinitx qed teżenta lill-Qorti kif preseduta milli terġa' tisma' l-provi mismugħa fil-kawża sa dakinhar quddiem il-Qorti kif diversament preseduta, u għaldaqstant il-provi reġgħu bdew jinstemgħu mill-ġdid;

Rat illi l-partijiet irrimettew ruħhom għall-provi prodotti.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti li taw lok għall-każ odjern kienu s-segwenti:

Nhar il-15 ta' Settembru 2007, wara li l-Pulizija rċeviet informazzjoni kunfidenzjali dwar l-imputat in konnessjoni ma' xi pjanti tal-*cannabis*, l-Ispettur Pierre Grech u PS 279 Kevin Gauci marru ġewwa l-fond Blokk 1, Triq Ċensu

Scerri, Sliema, daħlu fil-komun u telgħu fuq il-bejt u f'rokna ta' gallarija, huma raw xi pjanti tal-*cannabis*. Għaldaqstant, fuq skorta ta' mandat ta' tfittxija u arrest maħruġ mill-Maġistrat Dr. C. Scerri Herrera, xi l-11.30 a.m., PS 279 Kevin Gauci, PC 47 Chris Frendo u PS 1044 Gordon Calleja daħlu ġewwa l-fond bin-numru 14, u hemmhekk sabu lill-imputat odjern. Fl-istess residenza, instabu sitt pjanti tal-*cannabis*, kaxxa taż-żraben fil-gallarija li kien fiha xi weraq tal-*cannabis*, kaxxa b'xi weraq oħra tal-pjanta, raża tal-*cannabis* u pillola ċilesti suspettata *ecstasy* f'*jewellery box* f'komodina. Minn pakkett tas-sigaretti ġie elevat *joint*. Mix-xhieda tal-Ispettur Pierre Grech, jirriżulta illi saret inkjesta dwar din is-sejba u ġew maħtura numru ta' esperti.[1] L-oġġetti kollha ġew fotografati u elevati mis-*Scene of Crime Officers* Ps 171 Karl Glanville u PS 826 Matthew Parnis maħtura fl-inkjesta.[2] L-imputat ġie arrestat u rrilaxxja stqarrija lill-Pulizija Eżekuttiva nhar is-16 ta' Settembru 2007, wara li ngħata s-solita twissija skont il-liġi.[3]

Illi mix-xhieda ta' **PS 1044 Gordon Calleja** jirriżulta illi l-imputat ikkopera bis-sħiħ mal-Pulizija, kif ikkonfermaw wkoll **PC 47 Chris Frendo** u l-**Ispettur Pierre Grech**, u illi l-pjanti in kwistjoni nstabu f'kamra żgħira viċin il-kamra tas-sodda tal-imputat. PC 47 Chris Frendo jgħid illi kien proprju l-imputat illi minn jeddu kien indikalhom il-pjanti in kwistjoni u tahom is-sustanzi l-oħrajn li ġew elevati. **PS 279 Kevin Gauci** jikkonferma illi l-*joint* instab f'pakkett tas-sigaretti li kien jinsab fil-*living room*, ħdejn it-televixin u illi l-imputat kien jagħmel xogħol ta' mużajk. In oltre jinnega li fir-residenza tal-imputat instabu oġġetti relatati mat-traffikar tad-droga. Dwar dan, PS 1044 Gordon Calleja ikkonferma illi ma rriżulta xejn waqt l-investigazzjoni li kien jindika illi l-pjanti in kwistjoni ma kinux għall-użu personali tal-imputat u jgħid illi ma jidhirlux li nstabu xi oġġetti relatati mat-traffikar tad-droga. L-Ispettur Pierre Grech ukoll jikkonferma dan, tant illi jgħid illi l-imputat ma ġiex mixli bir-reat ta' pussess aggravat tal-pjanta tal-*cannabis*, oltre illi mill-investigazzjoni rriżulta illi din kienet għall-użu personali tiegħu.[4] Fuq domanda tad-difiża, in kontro-eżami, kemm PS 279 Kevin Gauci, kif ukoll PS 1044 Gordon Calleja jgħidu illi l-imputat kien qalilhom illi huwa kien ikabbar il-pjanti għall-użu personali tiegħu stante li bis-saħħa tal-*cannabis*, huwa kien jikkonċentra iżjed fl-arti tiegħu, filwaqt illi PS 1044 jikkonferma wkoll illi l-imputat kien indikalhom biċċiet tal-arti li kien ħoloq hu.

---

[1] Il-proċess verbal bin-numru 1007/07 redatt mill-Maġistrat Dr. C. Scerri Herrera dwar "*sejba ta' allegata droga fi Block 1, Flat 14, Triq Censu Scerri, Sliema nhar il-15 ta' Settembru 2007*" jinsab esebit a fol. 19 tal-proċess bħala Dok. OD 1.

[2] Ir-relazzjoni ta' Ps 171 Karl Glanville u PC 826 Matthew Parnis tinsab esebita a fol. 38 *et seq* tal-proċess. Jidher illi bi żvista l-imsemmija uffiċjali tal-Pulizija indikaw id-data li fiha seħħ il-każ odjern fl-ewwel u fit-tieni paġna tar-relazzjoni tagħhom bħala l-15 ta' Settembru 2008, meta huwa evidenti mill-bqija tal-atti proċesswali illi l-każ seħħ fil-15 ta' Settembru 2007. L-oġġetti kollha elevati jinsabu indikati fl-istess relazzjoni.

[3] Din l-istqarrija tinsab esebita a fol. 13 u 14 tal-proċess. Ara x-xhieda tal-Ispettur Pierre Grech a fol. 10 sa 12 tal-proċess u a fol. 73 sa 76 tal-proċess; ix-xhieda ta' PC 279 Kevin Gauci, a fol. 15 u 16 tal-proċess u a fol. 57 sa 63 tal-proċess; ix-xhieda ta' PS 1044 Gordon Calleja, a fol. 26 sa 28 tal-proċess u a fol. 64 sa 67 tal-proċess; u x-xhieda ta' PC 47 Chris Frendo, a fol. 31 u 32 tal-proċess u a fol. 68 sa 70 tal-proċess.

[4] A fol. 75 tal-proċess.

Illi fis-seduta tat-13 ta' Ġunju 2011, id-difiża vverbalizzat illi ma kinitx qegħda tikkontesta illi l-oġġetti li ġew elevati kienu proprjeta` tal-imputat u illi allura ma kienx hemm il-ħtieġa illi jinħatar espert tal-impronti diġitali sabiex jikkonstata jew kienx hemm impronti diġitali tal-imputat fuq dawn l-oġġetti. Fid-dawl ta' din id-dikjarazzjoni, il-Qorti kif diversament preseduta, ħallet lil PC 1525 Patrick Farrugia mill-inkarigu mogħti lilu mill-Maġistrat Dr. C. Scerri Herrera fil-mori tal-inkjesta.[5]

Illi mir-relazzjoni tal-**Ispiżjar Mario Mifsud**, maħtur bħala espert forensiku sabiex jagħmel eżamijiet relevanti fuq l-allegata droga misjuba fil-mori tal-inkjesta dwar il-każ[6], jirriżulta illi nhar il-15 ta' Settembru 2007, huwa ngħata s-segwenti dokumenti minn PS 171 Karl Glanville, *Scene of Crime Officer*:

i. *Envelope* tal-Gvern ta' Malta li fuqu kien hemm *label* bajda bil-kliem "*Forensic Science Laboratory – Malta, Description of Exhibit* Pjanta allegata *cannabis* elevata minn ġo *pot* fil-*boxroom, Exhibit Identity Mark, I identify this as 201, Signature(s), Court Exhibit No. Laboratory Ref.*" F'dan l-*envelope* kien hemm pjanta tal-*cannabis;*

ii. *Envelope* tal-Gvern ta' Malta li fuqu kien hemm *label* bajda bil-kliem "*Forensic Science Laboratory – Malta, Description of Exhibit* Pjanta allegata *cannabis* elevata minn ġo *pot* fil-*boxroom, Exhibit Identity Mark, I identify this as 202, Signature(s), Court Exhibit No. Laboratory Ref.*" F'dan l-*envelope* kien hemm pjanta tal-*cannabis;*

iii. Borża tal-karti ta' lewn kannella li fuqha kien hemm *label* bajda bil-kliem "*Forensic Science Laboratory – Malta, Description of Exhibit* 4 pjanti suspettati *cannabis* elevati minn ġo *pots* fil-*boxroom, Exhibit Identity Mark, I identify this as 203, Signature(s), Court Exhibit No. Laboratory Ref.*" F'dan l-*envelope* kien hemm erba' pjanti tal-*cannabis;*

iv. *Envelope* tal-Gvern ta' Malta li fuqu kien hemm *label* bajda bil-kliem "*Forensic Science Laboratory – Malta, Description of Exhibit* Allegat *joint* elevat minn fuq il-mejda tas-salott, *Exhibit Identity Mark, I identify this as 07, 205, Signature(s), Court Exhibit No. Laboratory Ref.*" F'dan l-*envelope* kien hemm speċi ta' *joint* li kien użat;

v. *Envelope* tal-Gvern ta' Malta li fuqu kien hemm *label* bajda bil-kliem "*Forensic Science Laboratory – Malta, Description of Exhibit* Pillola ta' lewn ċelesti imgeżwra f'karta tal-fidda elevata minn kaxxa tal-ġojjelli, *Exhibit Identity Mark, I identify this as 07, 206, Signature(s),*

[5] Ara a fol. 20 tal-proċess.
[6] Ara d-digriet a fol. 3 tal-proċess verbal, esebit a fol. 19 tal-proċess.

*Court Exhibit No. Laboratory Ref.*" F'dan l-*envelope* kien hemm biċċa karta lewn il-fidda tas-sigaretti li ġo fiha kien hemm pillola ta' lewn ċelesti;

vi. *Envelope* tal-Gvern ta' Malta li fuqu kien hemm *label* bajda bil-kliem "*Forensic Science Laboratory – Malta, Description of Exhibit* Sustanza ta' lewn kannella weraq f'boroż u f'kontenitur tal-ħadid elevat minn ġo kaxxa tal-plastik fis-salott, *Exhibit Identity Mark, I identify this as 07, 207, Signature(s), Court Exhibit No. Laboratory Ref.*" F'dan l-*envelope* kien hemm borża tal-plastik trasparenti bi ftit weraq aħdar tal-*cannabis* ġo fiha, borża tal-plastik trasparenti li ġo fiha kien hemm biċċa plastik b'ħaxix kannella mgħaffeġ u biċċa plastik li ġo fiha kien hemm blokka żgħira ta' sustanza kannella. Kien hemm ukoll borża żgħira tal-plastik trasparenti li ġo fiha kien hemm sustanza kannella u kaxxa tal-metall li ġo fiha kien hemm żewġ pakketti ta' lewn ċelesti ta' karti tal-brim tas-sigaretti tal-marka "Rizla" u frak kannella u aħdar;

vii. *Envelope* tal-Gvern ta' Malta li fuqu kien hemm *label* bajda bil-kliem "*Forensic Science Laboratory – Malta, Description of Exhibit* Weraq niexef elevat minn ġo kaxxa taż-żraben f'gallarija, *Exhibit Identity Mark, I Identify this as 07, 208, Signature(s), Court Exhibit No., Laboratory Ref.:*". F'dan l-*envelope* kien hemm weraq niexef tal-pjanta tal-*cannabis*."

Illi l-istess espert ikkonkluda s-segwenti dwar dawn id-dokumenti:

a) Illi nstabu traċċi tas-sustanza *Tetrahydrocannabinol* fuq speċi ta' *joint* li kien hemm fid-dokument deskritt fil-paragrafu (iv) *supra;*

b) Illi s-sustanza ta' lewn kannella li kien hemm fid-dokument deskritt fil-paragrafu (vi) *supra*, f'ammont nett totali ta' 4.47 grammi, instabet li kienet raża tal-pjanta tal-*cannabis*. Din is-sustanza nstabet fiha s-sustanza *Tetrahydrocannabinol* ossia sustanza li tinstab fil-pjanta tal-*cannabis*. Il-purita` tas-sustanza kannella għas-sustanza *Tetrahydrocannabinol* kienet ta' ċirka 3.6%;

c) Li l-pjanti u l-weraq li kien hemm fid-dokumenti deskritti fil-paragrafi (ii)[7] sa (iii) *supra* u fil-paragarafi (vi) u (vii) *supra*, f'ammont nett totali ta' 81.13 grammi, instabu li kienu pjanti u weraq tal-pjanta tal-*cannabis*. F'dawn il-pjanti u l-weraq instabet fihom is-sustanza *Tetrahydrocannabinol*. Il-purita` tal-pjanti u l-weraq għas-sustanza *Tetrahydrocannabinol* kienet ta' ċirka 3.8%. Il-pjanta u r-raża tal-

[7] Evidentement dan kellu jaqra (i) ossia d-dokument 069/11/01, li mill-istess relazzjoni wkoll jirriżulta illi kien fih pjanta tal-*cannabis*.

*cannabis* huma kkontrollati bil-liġi taħt Taqsima III Sezzjoni 8 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, waqt li s-sustanza *Tetrahydrocannabinol* hija kkontrollata bil-liġi taħt it-Tielet Skeda Parti A tal-Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta;

d) Illi l-pillola ta' lewn ċelesti li kien hemm fid-dokument deskritt fil-paragrafu (v) *supra* fiha s-sustanza *3,4-Methylenedioxymethamphetamine (MDMA).* Is-sustanza *MDMA*, li hija *central stimulant*, hija kkontrollata bil-liġi taħt it-Tielet Skeda Parti A tal-Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi mill-istess relazzjoni jirriżulta wkoll illi l-pjanti fid-dokumenti deskritti fil-paragrafi (i) u (ii) *supra* kellhom piż rispettiv ta' 9.72 grammi u 4.63 grammi, filwaqt illi l-erba' pjanti deskritti fil-paragrafu (iii) *supra* kellhom piż totali ta' 62.17 grammi. Il-weraq deskritt fil-paragrafu (vi) *supra* kellu piż ta' 1.43 grammi u dak deskritt fil-paragrafu (vii) *supra* kellu piż ta' 3.18 grammi. Is-sustanza deskritta fil-paragrafu (vi) *supra* kellha piż ta' 4.47 grammi.[8]

Mir-relazzjoni ta' **PS 171 Karl Glanville** u **PC 826 Matthew Parnis** jirriżulta illi pjanta minnhom kellha qies ta' 67 ċentimetri, oħra kellha qies ta' 58 ċentimetri, u l-erba' l-oħra li kienu jinsabu f'qasrija (*pot*) waħda kellhom qies ta' 100 ċentimetri, 90 ċentimetri, 85 ċentimetri u 69 ċentimetri rispettivament.

Illi in konnessjoni mat-talba tad-difiża sabiex il-Qorti tassumi l-funzjonijiet ta' Qorti dwar id-Droga fit-termini tal-Artikolu 8(3) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta, id-difiża tellgħet bħala xhud lil **Dr. Malcolm Tortell**, psikoterapista, li jaħdem ukoll ma' pazjenti bil-vizzju tad-droga, li xehed illi l-imputat kien ilu pazjent tiegħu minn Diċembru 2015[9], li kellu numru ta' sessjonijiet miegħu u illi d-djanjosi tiegħu kienet illi l-imputat kellu *marijuana dependence disorder*, liema kundizzjoni kienet ilha għaddejja fuq medda ta' għoxrin sena. Skont ix-xhud, huwa rriskontra varji sintomi fl-imputat li jinduċu din il-konklużjoni, fosthom illi kien hemm preokkupazzjoni kbira da parti tiegħu bis-sustanza, illi kien ikollu ansjeta` kbira jekk iħoss li mhuwiex ser ikollu aċċess għaliha u kien hemm tentattivi ta' rijabilitazzjoni li ma rnexxewx. Huwa jgħid illi l-imputat kellu bżonn kura medika sabiex tilqa' għas-sintomi fiżiċi ta' *withdrawal*, kif ukoll kura psikoloġika. Jgħid in oltre illi għal dan il-għan huwa rrefera lill-imputat għand il-psikjatra, Dr. Anthony Dimech. Skont ix-xhud, l-imputat mar għandu mhux biss għall-fini ta' assessjar, iżda wkoll sabiex jipprova jegħleb din il-problema u illi fil-każ tiegħu, is-sitwazzjoni kienet kemmxejn differenti għaliex filwaqt illi l-vizzju tad-droga ġeneralment jaffetwa b'mod negattiv ix-xogħol tal-persuna li tkun fil-vizzju, f'dan il-każ, l-imputat kien jagħmel użu mid-droga għaliex din kienet tgħinu fix-xogħol tiegħu bħala artist. Għalhekk huwa kellu bżonn l-għajnuna anke minn dan il-lat sabiex huwa jiżviluppa mezzi alternattivi u

[8] Ara din ir-relazzjoni a fol. 23 tal-proċess.
[9] Ix-xhud xehed fis-seduta tal-4 ta' Mejju 2016.

jitgħallem jgħaddi mingħajr id-droga b'tali mod li ma jiġix affetwat xogħlu. Jgħid ukoll illi fil-passat l-imputat kien għamel tentattiv sabiex jegħleb il-vizzju tad-droga billi ottjena s-servizzi tal-Aġenzija Caritas, iżda dan it-tentattiv falla.[10] Fix-xhieda ulterjuri tiegħu, imbagħad[11], Dr. Malcolm Tortell jixhed illi f'dawk l-aħħar xhur, l-imputat kien anke biddel xogħlu u dan sabiex ma jibqax jaħdem mid-dar, fejn allura kien iżjed diffiċli għalih li jegħleb id-dipendenza mill-*cannabis*. Fiż-żmien ta' din ix-xhieda, id-dipendenza kienet ikkontrollata. Jgħid in oltre illi d-dipendenza tal-imputat fuq id-droga kienet tirrisali qabel iż-żmien tal-każ odjern stante illi huwa kien beda jagħmel użu mis-sustanza meta kien għadu żgħir fl-eta`.

Illi fis-seduta tad-19 ta' Frar 2018, **Dr. Edward Curmi**, ġie maħtur minn din il-Qorti fuq talba tad-difiża sabiex jirrelata dwar jekk l-imputat kienx dipendenti fuq id-droga *cannabis* fiż-żmien tal-każ odjern ossia fil-15 ta' Settembru 2007 u fis-sentejn ta' qabel din id-data, u kemm il-darba tali dipendenza tirriżulta, jekk din kinitx waħda gravi u medika, u dan ukoll b'referenza għall-istess żmien indikat.[12] Minn din ir-relazzjoni jirriżulta illi f'dan il-każ is-sustanza tal-*cannabis* kienet forma' ta' mediċina li l-imputat kien juża sabiex itaffi l-ansjeta` tiegħu, u n-nuqqas ta' rqad u sabiex jikkalma filgħaxija. Minn eta` żgħira huwa kien diġa` jagħmel użu mill-*cannabis* u din saret parti mir-rutina tiegħu ta' kuljum. Skont l-istess espert, kien hemm biżżejjed evidenza li turi li l-imputat kien dipendenti fuq id-droga *cannabis* fiż-żmien tal-każ odjern u illi din id-dipendenza kienet waħda gravi u medika.

Illi permezz tad-digriet tagħha tas-26 ta' Frar 2019, il-Qorti laqgħet it-talba tad-difiża u assumiet il-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga u konsegwentement, irreferiet lill-imputat quddiem il-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga ai termini tal-Artikolu 8(3) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta.[13]

Illi sussegwentement, permezz ta' nota tad-9 ta' Awwissu 2019, il-Qorti ġiet infurmata mill-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga illi l-imputat kien ġie preskritt il-*cannabis* mediċinali b'riċetta tal-10 ta' Lulju 2019 u kkonstata li l-istess imputat ma xtaqx li jibda xi *careplan* mal-Bord. Għaldaqstant, il-Bord irrimetta l-każ lura lill-Qorti.[14]

Illi fis-seduta tal-25 ta' Novembru 2020, fid-dawl tat-tibdil leġislattiv in konnessjoni mar-reat tal-kultivazzjoni tal-pjanta tal-*cannabis*, id-difiża talbet illi ġġib il-prova illi l-kultivazzjoni mertu tal-każ odjern kien għall-użu personali tal-imputat.

---

[10] Ara a fol. 90 sa 97 tal-proċess.
[11] Dr. Malcolm Tortell reġa' xehed fis-seduta tat-30 ta' Ottubru 2017, a fol. 106 sa 111 tal-proċess.
[12] Ara a fol. 115 tal-proċess.
[13] Ara dan id-digriet a fol. 134 sa 137 tal-proċess.
[14] Ara a fol. 144 tal-proċess.

F'dan ir-rigward xehed **l-imputat** odjern, u dan fis-sens illi huwa kellu sitta u ħamsin sena, li kien ilu juża l-*cannabis* għal dawk l-aħħar tletin sena u li kienet ġiet preskritta lilu l-*cannabis* mediċinali fis-sena 2019, b'dan illi t-tiġdid tar-riċetta ġie rifjutat stante illi għandu pendenti l-każ odjern. Huwa jixhed illi huwa kien ilu artist għal dawk l-aħħar erbgħa u tletin sena, li xogħlu kien jirrikjedi paċenzja kbira u li l-*cannabis* kienet tgħinu kemm in kwantu kienet tispirah fl-arti tiegħu, kif ukoll għaliex biha kien jirrilassa. Wara ġurnata xogħol, huwa kien ikollu bżonn il-mistrieħ u għalhekk kien ipejjep il-*cannabis* filgħaxija. Dan kien ilu jagħmlu għal żmien twil. Il-*cannabis* kienet tgħinu wkoll għaliex huwa jbati minn uġigħ f'daru. Jgħid in oltre illi huwa kellu l-pjanti tal-*cannabis* fil-jum in kwistjoni stante illi ma riedx jixtri d-droga mingħand terzi u li għalih ma kienx jagħmel sens illi jħallas lit-traffikant sabiex jakkwista d-droga meta din seta' faċilment ikabbarha hu. Il-pjanti kienu fil-pussess tiegħu biss għall-użu personali tiegħu. Jgħid in oltre illi l-għajxien tiegħu ġej mix-xogħol tiegħu tal-arti u li ġieli tella' eżibizzjonijiet tal-arti tiegħu u għadda parti mid-dħul lill-karita` bħal per eżempju lir-*Richmond Foundation*.[15]

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi fil-każ odjern, l-imputat jinsab akkużat bir-reati ta' kultivazzjoni tal-pjanta tal-*cannabis* u ta' pussess tal-pjanta tal-*cannabis* u tar-raża tal-*cannabis* ai termini tal-Artikoli 8(a), (ċ) u (d) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta rispettivament, kif ukoll bir-reat ta' pussess tal-mediċina psikotropika u ristretta *ecstasy*.

Mill-provi proċesswali m'hemmx dubju illi nhar il-15 ta' Settembru 2007, l-imputat instab fil-pussess ta' sitt pjanti, li mir-relazzjoni tal-Ispiżjar Mario Mifsud, irriżulta li kienu pjanti tal-*cannabis*. Dwar dan, il-Qorti tinnota illi r-relazzjoni tal-Ispiżjar Mario Mifsud hija ċara f'dan ir-rigward, stante illi tindika illi fil-fatt l-pjanti in kwistjoni kienu sitta, kif jirriżulta wkoll mir-relazzjoni ta' PS 171 Karl Glanville u PC 826 Matthew Parnis, li tindika wkoll il-qies ta' kull waħda minn dawn il-pjanti.

Fix-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri, l-imputat jammetti li fil-pussess tiegħu nstabu pjanti tal-*cannabis*, kif jammetti wkoll li kien hu li kabbar dawn il-pjanti sabiex jevita li jixtri l-*cannabis* mingħand terzi persuni. Filfatt l-imputat mhuwiex qed jikkontesta l-pussess ta' dawn il-pjanti da parti tiegħu jew li kkultiva l-istess, iżda jikkontendi li dawn kienu purament għall-użu personali tiegħu u mhux għal skop ta' spaċċ.

Permezz tal-emendi ntrodotti mil-leġislatur permezz tal-Att IV tas-sena 2020, li daħal fis-seħħ fit-28 ta' Frar 2020, ġie emendat l-Artikolu 22(1B) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta u ġie mħassar l-Artikolu 7 tal-Kap.537 tal-Liġijiet ta' Malta.

[15] Ara a fol. 159 *et seq* tal-proċess.

Qabel dawn l-emendi, l-Artikolu 7 tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta kien jgħid hekk:

> Persuna li tinstab ħatja ta' kultivazzjoni tal-pjanta tal-kannabis fi kwantita` żgħira li ma taqbiżx pjanta waħda, f'ċirkostanzi fejn il-Qorti tkun sodisfatta li tali kultivazzjoni kienet għall-użu personali m'għandhiex tkun soġġetta għal terminu mandatorju ta' priġunerija u m'għandhiex tkun soġġetta għall-esklużjoni tal-applikazzjoni ta' ordni ta' probation jew ta' sospensjoni ta' terminu ta' priġunerija previsti fil-liġijiet dwar id-droga.

Kif ingħad, dan l-artikolu llum ġie mħassar u minflok, l-Artikolu 22(1B) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, li preċedentement kien iqis il-koltivazzjoni f'kull każ bħala li taqa' fid-definizzjoni tal-kelma "*jittraffika*", bis-saħħa tal-emendi ntrodotti jgħid hekk:

> (1B) Għall-finijiet ta' din l-Ordinanza l-kelma "jittraffika" (bil-varjazzjonijiet grammatikali u bl-espressjonijiet imnisslin minnha) b'riferenza għal traffikar f'mediċina, tinkludi l-koltivazzjoni, f'dawk iċ-ċirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li tali koltivazzjoni ma kenitx għall-użu esklussiv tal-ħati, l-importazzjoni f'dawk iċ-ċirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li dik l-importazzjoni ma kinietx għall-użu esklussiv tal-ħati, il-manifattura, l-esportazzjoni, id-distribuzzjoni, il-produzzjoni, l-amministrazzjoni, il-provvista, li wieħed joffri li jagħmel xi wieħed minn dawn l-atti, u l-għoti ta'informazzjoni intiża biex twassal għax-xiri ta' tali mediċina bi ksur ta' din l-Ordinanza:
>
> Iżda fil-każ ta' koltivazzjoni jew importazzjoni f'dawk iċ-ċirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li dik il-koltivazzjoni jew importazzjoni kienet għall-użu esklussiv tal-ħati, id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Probation kif ukoll l-artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali ma jgħoddux. [sottolinear tal-Qorti]

Dan ifisser illi llum hija biss dik il-koltivazzjoni f'dawk iċ-ċirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li ma kinitx għall-użu esklussiv tal-ħati, illi taqa' fid-definizzjoni ta' traffikar f'mediċina u li għaldaqstant tattira tassattivament il-piena ta' priġunerija effettiva. Permezz tal-emendi ntrodotti bl-Att IV tas-sena 2020, fil-każijiet fejn il-koltivazzjoni tkun għall-użu esklussiv tal-ħati, il-piena hija dik prevvista fl-Artikolu 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, salv illi l-Qorti ma tistax tapplika id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-*Probation* jew l-Artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali.

Madankollu riċentement, permezz tal-Att LXVI tas-sena 2021, li daħal fis-seħħ nhar it-18 ta' Diċembru 2021, il-leġislatur introduċa disposizzjonijiet ġodda fil-liġi illi għal darb'oħra emendaw il-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta, fost oħrajn, inkluż billi llum l-att tal-koltivazzjoni sa erba' pjanti tal-*cannabis*, f'ċertu

ċirkostanzi, m'għadux jammonta għal reat. Hekk bis-saħħa ta' dawn l-emendi, l-Artikolu 7 tal-Kap. 537 illum jaqra hekk:

> 7. (1) Minkejja d-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan l-Att jew ta' kull liġi oħra, il-kultivazzjoni sa erba' pjanti tad-droga kannabis, u l-pussess ta' mhux aktar minn ħamsin gramma ta' kannabis niexfa, għall-użu personali, minn persuna ta' 'l fuq minn tmintax (18)-il sena, fl-indirizz residenzjali li jidher fuq dokument uffiċjali li juri l-indirizz ta' residenza, bħal karta ta' identità jew dokument ieħor ta' identità, mhuwiex reat, u l-persuna ma għandhiex tkun soġġetta li tinżamm f'kustodja taħt arrest biss minħabba tali kultivazzjoni u pussess f'dak l-indirizz:
>
> Iżda:
>
> (a) tali kultivazzjoni ma għandhiex isseħħ fi spazju viżibbli mill-pubbliku;
>
> (b) il-Pulizija Eżekuttiva għandha f'kull każ taqbad il-kannabis niexfa li ssib fuq il-post biss jekk din tkun fl-eċċess ta' ħamsin gramma. Meta wara li ssir l-elevazzjoni tal-kannabis niexfa jirriżulta li ma jkunx hemm lok li jittieħdu proċeduri minħabba l-fatt illi l-ammont ta' kannabis elevat ikun fil-limiti ta' dak permess mil-liġi, il-Pulizija għandha tgħaddi l-kannabis maqbuda lil dik l-aġenzija jew awtorità pubblika oħra hekk kif il-Ministru responsabbli għall-ugwaljanza jista' b'ordni fil-Gazzetta jaħtar għal dan il-għan sabiex din tingħata lura lil sidha taħt dawk il-kondizzjonijiet illi dik l-aġenzija jew awtorità tista' tiffissa. Għandha tinżamm nota ta' dawn il-fatti:
>
> Iżda wkoll ma tkun tista' tittieħed ebda azzjoni kontra l-Pulizija jekk wara li l-kannabis maqbuda tintiżen bi preċiżjoni jirriżulta illi din fil-fatt ma kinitx ta' kwantità li teċċedi l-ħamsin gramma.
>
> (2) Dan l-artikolu ma għandu bl-ebda mod jinftiehem li qiegħed jawtorizza l-kultivazzjoni ta' aktar minn erba' pjanti tal-pjanta tal-kannabis u dan irrispettivament min-numru ta' residenti fl-istess indirizz residenzjali u irrispettivament mir-razza ta' tali pjanti.
>
> (3) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu u tal-artikolu 7A, "kannabis niexfa" tfisser il-fjoritura niexfa u weraq niexef tal-pjanta tal-kannabis.

Dan ifisser illi llum, l-att tal-kultivazzjoni sa erba' pjanti tal-kannabis m'għadux meqjus bħala reat kriminali sakemm jikkonkorru l-elementi li trid il-liġi fl-artikolu appena ċitat, inkluż illi tali kultivazzjoni tkun għall-użu personali tal-pussessur. Altrimenti jibqgħu japplikaw id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 22(1B) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ċitat.

Issa fil-każ odjern, huwa evidenti illi l-Artikolu 7 tal-Kap. 537 kif emendat u appena ċitat, ma jsibx applikazzjoni u dan stante illi l-pjanti li nstabu fil-pussess tal-imputat kienu sitta. Għalhekk jeħtieġ illi l-Qorti tħares lejn id-

disposizzjonijiet tal-Artikolu 22(1B) tal-Kap. 101 kif emendat, b'dan għalhekk illi jeħtieġ illi l-Qorti tikkunsidra l-provi proċesswali sabiex tiddetermina jekk il-kultivazzjoni in kwistjoni kinitx għall-użu esklussiv tal-ħati jew xort'oħra.

Dwar dan, il-Qorti tqis illi m'hemm xejn fl-atti li jindika illi minkejja li l-imputat ikkultiva sitt pjanti tal-*cannabis,* li jrid jingħad illi ma kinux tant kbar, dawn ma kinux għall-użu personali tiegħu. Għall-kuntrarju l-provi juru xort'oħra. Jibda biex jingħad illi ma nstab xejn fir-residenza tal-imputat li jista' jindika li huwa kien jispaċċa l-pjanta tal-*cannabis*, bħal per eżempju mwieżen, boroż tal-plastik li fihom solitament tinbiegħ id-droga, jew xi notamenti dwar klijenti. Oġġetti oħra li nstabu fil-pussess tal-imputat bħal *joint*, li mir-relazzjoni tal-espert jirriżulta illi kien fih traċċi tal-*cannabis* u l-karti tal-brim tas-sigaretti ukoll juru li l-imputat kien jagħmel użu mill-*cannabis*. In oltre jirriżulta b'mod ċar mix-xhieda tal-istess imputat illi huwa kien ilu jagħmel użu mill-*cannabis* għal snin twal u ferm qabel iż-żmien mertu tal-każ odjern. Dan huwa korroborat mill-konklużjonijiet tal-espert Dr. Edward Curmi, li jgħid illi fiż-żmien tal-każ, l-imputat kien dipendenti fuq il-*cannabis* u dan b'mod gravi u mediku. L-istess jixhed Dr. Malcolm Tortell dwar id-dipendenza tal-imputat fuq il-*cannabis*. Mix-xhieda tal-imputat, u kif anke ikkonstata l-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga jirriżuta wkoll illi għal xi żmien l-imputat kien ġie preskritt il-*cannabis* mediċinali. Irid jingħad ukoll illi anke l-Uffiċjali tal-Pulizija li xehdu dwar il-każ jgħidu illi ma rriżulta xejn matul l-investigazzjoni li seta' jindika illi l-imputat kien jispaċċa d-droga, iżda jgħidu għall-kuntrarju illi l-pjanti kienu ntiżi għall-użu esklussiv tal-imputat, tant illi l-Ispettur Pierre Grech ossia l-Uffiċjal Prosekutur jixhed fir-rigward illi fil-fatt apparti r-reat tal-kultivazzjoni, l-imputat ġie mixli biss bir-reat ta' pussess 'sempliċi' u mhux ta' pussess aggravat tal-pjanta tal-*cannabis.*

Għaldaqstant, tenut kont tal-fatt illi jirriżulta sodisfaċentement ippruvat illi l-pjanti in kwistjoni kienu intiżi biss għall-użu personali tal-imputat, f'dan il-każ, ai termini tal-Artikolu 22(1B) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti mhijiex marbuta illi timponi piena tassattiva ta' priġunerija effettiva.

Jirriżulta ċar ukoll mill-provi prodotti, illi l-imputat kien fil-pussess tal-pjanta tal-*cannabis* fit-termini tal-imputazzjoni (b) u tar-raża tal-*cannabis* fit-termini tal-imputazzjoni (ċ), kif ukoll fil-pussess ta' pillola *ecstasy* u allura mediċina psikotropika u ristretta fit-termini tal-imputazzjoni (d).

**Ikkunsidrat ukoll:**

Għall-fini ta' piena, il-Qorti qed tieħu in konsiderazzjoni l-fedina penali tal-imputat fiż-żmien tal-każ odjern, liema fedina penali tinkludi biss sejbien ta' ħtija dwar pussess tar-raża u tal-pjanta tal-*cannabis* li jirrisali lura għas-sena 1998.

Għalkemm il-Qorti ordnat li tiġi esebita l-fedina penali aġġornata tal-imputat, din baqgħet ma ġietx esebita mill-Prosekuzzjoni.

Qed tqis ukoll illi minkejja li l-kawża odjerna tirrisali għas-sena 2007, ħafna mid-dewmien kien dovut fil-maġġor parti tiegħu għal raġunijiet attribwibbli lill-imputat, iżda qed tqis ukoll mill-banda l-oħra n-natura tal-imputazzjonijiet odjerni u t-tibdil leġislattiv li seħħ permezz tal-emendi riċenti introdotti bl-Att LXVI tas-sena 2021 u kif illum il-leġislatur qed iħares lejn il-kultivazzjoni tal-pjanta tal-*cannabis* għall-użu personali. F'dan il-każ, kif ingħad, il-Qorti qed tqis illi l-imputat ikkultiva sitt pjanti tal-*cannabis,* li ma kinux kbar wisq u illi dawn kienu intiżi għall-użu personali tiegħu. Fil-bqija d-droga li nstabet fil-pussess tal-imputat kienet ukoll f'ammonti żgħar.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 8(a), (ċ) u (d), 22(1)(a), 22(1B) u 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-Artikoli 40A, 120A(1)(a) u 120A(2)(b)(ii) tal-Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Regolament 3(1) tal-Avviż Legali 22/1985 u l-Artikolu 17 tal-Kodiċi Kriminali, qed issib lill-imputat **Christian Urpani** ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u qed tikkundannah għall-piena ta' multa kumplessiva ta' elf u ħames mitt ewro (€1,500).

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, qed tikkundanna lill-ħati għall-ħlas tal-ispejjez konnessi mal-ħatra tal-esperti fil-proċeduri odjerni, kif ukoll fl-istadju tal-proċess verbal tal-inkjesta dwar dan il-każ ossia l-ispejjeż konnessi mal-ħatra tal-Ispiżjar Mario Mifsud, ammontanti għas-somma ta' ħames mija, sitta u erbgħin ewro u disgħa u ħamsin ċenteżmu (€546.59), l-ispejjeż konnessi mal-ħatra tas-*Scene of Crime Officers* PS 171 Karl Glanville u PC 826 Matthew Parnis, ammontanti għas-somma ta' mija u sittin ewro u sittin ċenteżmu (€160.60) u l-ispejjeż konnessi mal-ħatra ta' Dr. Edward Curmi ammontanti għas-somma ta' seba' mitt ewro (€700), liema spejjeż b'kollox jammontaw għas-somma ta' elf, erba' mija u seba' ewro u dsatax-il ċenteżmu (€1,407.19).

Tordna d-distruzzjoni tad-droga esebita fl-atti, hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċess verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat